REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/105

tad-19 ta' Ottubru 2016

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti tan-negozju lir-repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 9(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 ([2]) jipprevedi l-użu ta' identifikatur interim tal-entità meta ma jkunx disponibbli identifikatur ta' entità ġuridika. Għadha kif saret disponibbli infrastruttura li tippermetti l-attribuzzjoni ta' identifikaturi ta' entità ġuridika għall-entitajiet, u l-parteċipanti fis-suq saru familjari mal-użu ta' dawn l-identifikaturi ta' entità ġuridika. Għalhekk, l-identifikaturi tal-entitajiet ġuridiċi issa għandhom ikunu l-uniku mezz permess għall-fini tal-identifikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi.

(2) Id-determinazzjoni ta' jekk il-kontroparti li tirrapporta hijiex ix-xerrej jew il-bejjiegħ f'kuntratt hija partikolarment kumplessa f'każ ta' kuntratti ta' derivattivi swap għax dawn il-kuntratti jinvolvu t-tpartit ta' istrumenti finanzjarji bejn il-partijiet. Għaldaqstant, għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni preċiża u konsistenti ta' min huwa x-xerrej u min huwa l-bejjiegħ f'kuntratti ta' derivattivi swap.

(3) Sabiex jiġu ddeterminati l-iskoperturi reali tal-kontropartijiet, l-awtoritajiet kompetenti jitolbu informazzjoni kompleta u preċiża dwar il-kollateral impartat bejn il-kontropartijiet. Għaldaqstant għandhom jiġu ddeterminati regoli speċifiċi li jiżguraw approċċ konsistenti fir-rigward tar-rapportar tal-kollateralizzazzjoni għal kuntratt jew portafoll speċifiku ta' derivattivi.

(4) Il-klassifikazzjoni eżatta u l-identifikazzjoni preċiża tad-derivattivi hija essenzjali għall-użu effiċjenti tad-dejta u għall-aggregazzjoni utli tad-dejta bejn ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, u għalhekk tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja stabbilit mill-Istudju tal-Vijabbiltà dwar l-Aggregazzjoni tad-Dejta tar-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet dwar id-Derivattivi OTC ([3]) ppublikat fid-19 ta' Settembru 2014. Ir-rekwiżiti tar-rappurtar marbuta mal-klassifikazzjoni u l-identifikazzjoni tad-derivattivi għandhom għalhekk jiġu emendati sabiex din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha kemm hi.

(5) Sabiex takkomoda għar-rapportar ta' tipi ġodda ta' kuntratti tad-derivattivi li, bis-saħħa tal-innovazzjoni finanzjarja, ikunu saru disponibbli u nnegozjati b'mod frekwenti, l-iswapzjonijiet u l-imħatri fuq il-firxiet għandhom jiżdiedu mal-lista tal-klassijiet ta' kuntratti tad-derivattivi. B'mod usa', minħabba li l-innovazzjoni finanzjarja kontinwa twassal għal tipi ġodda ta' kuntratti tad-derivattivi, huwa importanti li jiġi żgurat li kull tip ġdid ta' kuntratt ta' derivattivi li ma jaqax fil-klassifikazzjoni eżistenti xorta waħda jkun jista' jiġi rrapportat. Għalhekk, huwa xieraq li tinżamm fil-kategorija "oħrajn" fil-klassifikazzjoni tat-tipi tal-kuntratti tad-derivattivi.

(6) Meta żewġ kontropartijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar min minnhom għandu jiġġenera identifikatur uniku tat-tranżazzjoni matul iż-żmien previst għar-rappurtar, l-identifikazzjoni u l-assoċjazzjoni korretti taż-żewġ rapporti li jikkonċernaw lill-istess tranżazzjoni jista' ma jkunux possibbli. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji għall-ġenerazzjoni ta' identifikaturi uniċi tat-tranżazzjonijiet sabiex jiġi evitat li l-istess tranżazzjoni tintgħadd darbtejn.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti tan-negozju lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 352, 21.12.2012, p. 20)

([3]) http://www.fsb.org/wp-content/uploads/r_140919.pdf

(7) Il-kontropartijiet jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet sinifikanti biex jiksbu l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li ġew mitmuma qabel id-data tal-bidu għar-rapportar. Meta wieħed iqis il-kumplessità li tirriżulta tar-rappurtar tat-tranżazzjonijiet mitmuma u l-fatt li dawn it-tranżazzjonijiet ma jkabbrux ir-riskju sistemiku, il-perjodu għar-rappurtar tat-tranżazzjonijiet mitmuma għandu jiġi estiż minn tliet snin għal ħames snin mid-data tal-bidu għar-rappurtar.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni sħiħa tad-dejta rrapportata lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet u b'hekk tkun tista' tiġi interpretata u aggregata b'mod konsistenti, għandhom jiġu ċċarati l-istandards u l-formati li għandhom jintużaw fir-rapporti tat-tranżazzjonijiet. Huwa xieraq ukoll li jiġu emendati r-rekwiżiti tar-rapportar fir-rigward tal-formati tad-dejta. Il-kontropartijiet u r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom għalhekk jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu kull azzjoni meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti emendati.

(9) Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA) lill-Kummissjoni.

(11) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Identifikazzjoni tal-kontropartijiet u l-entitajiet oħra

Rapport għandu juża identifikatur ta' entità ġuridika biex jidentifika:

(a) benefiċjarju li huwa entità ġuridika;

(b) entità sensar;

(c) kontroparti ċentrali;

(d) membru tal-ikklerjar;

(e) kontroparti li hija entità ġuridika;

(f) entità li tissottometti."

(2) L-Artikoli 3a u 3b li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

"*Artikolu 3a*

In-naħa tal-kontroparti

1. In-naħa tal-kontroparti fil-kuntratt tad-derivattivi msemmija fil-Kaxxa 14 tat-Tabella 1 tal-Anness għandha tiġi ddeterminata skont il-paragrafi minn 2 sa 10.

2. Fil-każ ta' opzjonijiet u swapzjonijiet, il-kontroparti li jkollha d-dritt teżerċita l-opzjoni għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej, u l-kontroparti li tbigħ l-opzjoni u li tirċievi primjum għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

3. Fil-każ ta' futures u forwards għajr futures u forwards marbuta ma' muniti, il-kontroparti li tixtri l-istrument għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tbigħ l-istrument għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

4. Fil-każ ta' swaps marbuta ma' titoli, il-kontroparti li ġġorr ir-riskju taċ-ċaqliq fil-prezz tat-titolu sottostanti u li tirċievi l-ammont tat-titolu għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tħallas l-ammont tat-titolu għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

5. Fil-każ ta' swaps marbuta mar-rati tal-imgħax jew ma' indiċijiet tal-inflazzjoni, il-kontroparti li tħallas ir-rata fissa għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tirċievi r-rata fissa għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ. Fil-każ ta' swaps bażi, il-kontroparti li tħallas l-firxa għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tirċievi l-firxa għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

6. Fil-każ ta' swaps bejn il-muniti u swaps u forwards relatati ma' muniti, il-kontroparti li tirċievi l-munita li tiġi l-ewwel meta rranġati alfabetikament skont l-istandard tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO 4217) għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tforni dik il-munita għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

7. Fil-każ ta' swaps marbuta ma' dividendi, il-kontroparti li tirċievi l-ekwivalenti tal-pagamenti tad-dividendi reali għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tħallas id-dividend u li tirċievi r-rata fissa għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

8. Bl-eċċezzjoni tal-opzjonijiet u s-swapzjonijiet, fil-każ ta' strumenti derivattivi għat-trasferiment ta' riskju ta' kreditu, il-kontroparti li tixtri l-protezzjoni għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tbigħ il-protezzjoni għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

9. Fil-każ ta' kuntratti ta' derivattivi marbuta ma' komoditajiet, il-kontroparti li tirċievi l-komodità speċifikata fir-rapport għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tforni l-komodità tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

10. Fil-każ ta' ftehimiet ta' rata forward, il-kontroparti li tħallas ir-rata fissa għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tirċievi r-rata fissa għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

Artikolu 3b

Kollateralizzazzjoni

1. It-tip ta' kollateralizzazzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi msemmija fil-Kaxxa 21 tat-Tabella 1 tal-Anness għandu jiġi identifikat mill-kontroparti li tirrapporta skont il-paragrafi minn 2 sa 5.

2. Fejn ma jkunx jeżisti ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jew fejn il-ftehim tal-kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti li tirrapporta la tiddepożita marġni inizjali u lanqas marġini ta' varjazzjoni fir-rigward tal-kuntratti tad-derivattivi, it-tip ta' kollateralizzazzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi għandu jiġu identifikat bħala mhux kollateralizzat;

3. Meta l-ftehim tal-kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti li tirrapporta tiddepożita biss il-marġnijiet regolatorji tal-varjazzjoni marbuta mal-kuntratt tad-derivattivi, it-tip ta' kollateralizzazzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi għandu jiġi identifikat bħala parzjalment kollateralizzat;

4. Meta l-ftehim tal-kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti li tirrapporta tiddepożita l-marġni inizjali u l-marġnijiet regolatorji tal-varjazzjoni u li l-kontraparti l-oħra jew tiddepożita biss il-marġnijiet tal-varjazzjoni jew ma tiddepożita l-ebda marġni fir-rigward tal-kuntratt ta' derivattivi, it-tip ta' kollateralizzazzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi għandu jiġu identifikat bħala kollateralizzat f'direzzjoni waħda;

5. Meta l-ftehim tal-kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li ż-żewġ kontropartijiet jiddepożitaw marġni inizzjali u l-marġnijiet regolatorji tal-varjazzjoni fir-rigward tal-kuntratti tad-derivattivi, it-tip ta' kollateralizzazzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi għandu jiġi identifikat bħala kollateralizzat fis-sħiħ."

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

L-ispeċifikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tad-derivattivi

1. Rapport għandu jispeċifika derivattiv fuq il-bażi tat-tip tal-kuntratt u fuq il-klassi tal-assi skont il-paragrafi 2 u 3.

2. Id-derivattiv għandu jiġi speċifikat fil-Kaxxa 1 tat-Tabella 2 tal-Anness bħala wieħed minn dawn it-tipi ta' kuntratti:

(a) kuntratt finanzjarju għad-differenza;

(b) ftehim ta' rata forward;

(c) forward;

(d) futur;

(e) opzjoni;

(f) imħatra fuq il-firxa;

(g) swap;

(h) Swapzjoni;

(i) oħrajn.

3. Id-derivattiv għandu jiġi speċifikat fil-Kaxxa 2 tat-Tabella 2 tal-Anness bħala waħda minn dawn il-klassijiet ta' assi:

(a) komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet;

(b) kreditu;

(c) munita;

(d) ekwità;

(e) rata tal-imgħax.

4. Meta derivattivi ma jaqgħux taħt waħda mill-klassijiet tal-assi speċifikati fil-paragrafu 3, il-kontropartijiet għandhom jispeċifikaw fir-rapport il-klassi tal-assi li l-iktar tixbaħ lid-derivattiv. Iż-żewġ kontropartijiet għandhom jispeċifikaw l-istess klassi ta' assi.

5. Id-derivattivi għandu jiġi identifikat fil-Kaxxa 6 tat-Tabella 2 tal-Anness permezz ta' dawn, fejn disponibbli:

(a) kodiċi tan-Numru Internazzjonali tal-Identifikazzjoni tat-Titoli ISO 6166 (ISIN) jew kodiċi tal-Identifikatur Alternattiv tal-Istrument (AII), kif applikabbli, sad-data tal-applikazzjoni tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(b) ISIN mid-data tal-applikazzjoni tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Meta jintuża kodiċi AII, għandu jintuża l-kodiċi AII sħiħ.

6. Il-kodiċi AII sħiħ imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jkun ir-riżultat ta' tagħqida ta' dawn is-sitt elementi:

(a) Il-Kodiċi tal-Identifikatur tas-Suq (MIC) ISO 10383 taċ-ċentru tan-negozjar fejn jiġi nnegozjat id-derivattiv, speċifikat b'erba' 4 karattri alfanumeriċi;

(b) Il-kodiċi, li huwa assenjat miċ-ċentru tan-negozjar, esklussivament assoċjat ma' strument sottostanti partikolari u mat-tip tas-saldu u karatteristiċi oħra tal-kuntratt, speċifikat permezz ta' massimu ta' 12-il karattru alfanumeriku;

(c) karattru wieħed li jidentifika jekk l-istrument huwiex opzjoni jew futur, speċifikat bħala "O" meta jkun opzjoni u bħala "F" meta jkun futur;

(d) karattru wieħed li jidentifika jekk l-opzjoni tkunx put jew eżerċitabbli, speċifikat bħala "P" meta tkun opzjoni put u bħala "C" meta opzjoni eżerċitabbli; meta l-istrument ikun ġie identifikat bħala futur skont il-punt (c), għandu jkun speċifikat bħala "F";

(e) id-data tal-eżerċizzju jew id-data tal-maturità ta' kuntratt tad-derivattivi speċifikata bl-istandard ISO 8601 YYYY-MM-DD;

(f) il-prezz tal-eżerċitar ta' opzjoni, speċifikat bl-użu ta' sa 19-il ċifra li jinkludu sa ħames deċimali, mingħajr żeri fil-bidu jew fl-aħħar. Bħala separatur deċimali għandu jintuża l-punt deċimali. Valuri negattivi mhumiex permessi. Meta l-istrument ikun futur, il-prezz tal-eżerċitar għandu jimtela b'żero.

7. Id-derivattiv għandu jkun jikklassifikat fil-Kaxxa 4 tat-Tabella 2 tal-Anness permezz tal-kodiċi tal-Klassifikazzjoni ISO 10692 tal-Istrumenti Finanzjarji (CFI) għall-prodotti identifikati bil-kodiċi ISO 6166 ISIN jew bil-kodiċi AII.

8. Derivattivi li għalihom ma hemmx disponibbli kodiċi ISO 6166 ISIN jew kodiċi AII għandhom jiġu kklassifikati permezz ta' kodiċi magħżul għalihom. Dan il-kodiċi għandu jkun:

(a) uniku;

(b) newtrali;

(c) affidabbli;

(d) sors miftuħ;

(e) skalabbli;

(f) aċċessibbli;

(g) disponibbli b'kost raġonevoli;

(h) suġġett għal qafas ta' governanza xierqa.

9. Sakemm il-kodiċi msemmi fil-paragrafu 8 jiġi approvat mill-ESMA, derivattivi li għalihom mhuwiex disponibbli kodiċi ISO 6166 ISIN jew kodiċi AII għandhom jiġu kklassifikati permezz ta' kodiċi ISO 10692 CFI.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84)."

(4) Jiddaħħlu l-Artikoli 4a u 4b li ġejjin:

"Artikolu 4a

Identifikaturi Uniċi tan-Negozjar

1. Rapport għandu jiġi identifikat permezz ta' identifikatur uniku u globali tan-negozjar approvat mill-ESMA jew, fin-nuqqas tiegħu, permezz ta' identifikatur uniku tan-negozjar miftiehem bejn il-kontropartijiet.

2. Meta l-kontropartijiet jonqsu milli jiftiehmu dwar liema hi l-entità responsabbli biex tiġġenera l-identifikatur uniku tan-negozjar li għandu jiġi assenjat lir-rapport, il-kontropartijiet għandhom jiddeterminaw l-entità responsabbli biex tiġġenera l-identifikatur uniku tan-negozjar skont dan li ġej:

(a) għal negozjar eżekwit u kklerjat ċentralment, l-identifikatur uniku tan-negozjar għandu jkun iġġenerat fil-punt tal-ikklerjar mill-kontroparti ċentrali (CCP) għal membru tal-ikklerjar. Identifikatur uniku tan-negozjar ieħor għandu jiġi ġġenerati mill-membru tal-ikklerjar tal-kontroparti tiegħu;

(b) għal negozjar eżekwit ċentralment iżda mhux ikklerjat ċentralment, l-identifikatur uniku tan-negozjar għandu jiġi ġġenerat miċ-ċentru tan-negozjar tal-eżekuzzjoni għall-membri tiegħu;

(c) għal negozjar ikkonfermat u kklerjat ċentralment, l-identifikatur uniku tan-negozjar għandu jiġi ġġenerat fil-punt tal-ikklerjar mis-CCP għal membru tal-ikklerjar. Identifikatur uniku tan-negozjar ieħor għandu jiġi ġġenerati mill-membru tal-ikklerjar tal-kontroparti tiegħu;

(d) għal negozjar li kien konfermat ċentralment b'mezzi elettroniċi, iżda li ma ġiex ikklerjat ċentralment, l-identifikatur uniku tan-negozjar għandu jiġi ġġenerat mill-pjattaforma tal-konferma tan-negozjar fil-punt tal-konferma;

(e) għan-negozjar l-ieħor kollu minbarra dak imsemmi fil-punti (a) sa (d), għandu japplika dan li ġej:

(i) fejn il-kontropartijiet finanzjarji jinnegozjaw ma' kontropartijiet mhux finanzjarji, il-kontropartijiet finanzjarji għandhom jiġġeneraw identifikatur uniku tan-negozjar;

(ii) meta l-kontropartijiet mhux finanzjarji 'il fuq mil-limitu tal-ikklerjar jinnegozjaw ma' kontropartijiet mhux finanzjarji taħt il-livell limitu tal-ikklerjar, dawk il-kontrapartijiet mhux finanzjarji 'l fuq mill-livell limitu tal-ikklerjar għandhom jiġġeneraw l-identifikatur uniku tan-negozjar;

(iii) għan-negozjar l-ieħor kollu għajr dak imsemmi fil-punti (i) u (ii), il-bejjiegħ għandu jiġġenera l-identifikatur uniku tan-negozjar.

3. Il-kontroparti li tiġġenera l-identifikatur uniku tan-negozjar għandha tikkomunika dak l-identifikatur uniku tan-negozjar lill-kontroparti l-oħra fil-ħin ħalli din tal-aħħar tkun tista' tissodisfa l-obbligu tagħha ta' rappurtar.

Artikolu 4b

Ċentru tal-eżekuzzjoni

Iċ-ċentru tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi għandu jiġi identifikat fil-Kaxxa 15 tat-Tabella 2 tal-Anness kif ġej:

(a) sad-data tal-applikazzjoni tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014:

(i) għal ċentru tal-esekuzzjoni fl-Unjoni, il-Kodiċi ISO 10383 tal-Identifikatur tas-Suq (MIC) ippubblikat fil-websajt tal-ESMA fir-reġistru maħluq abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 (*);

(ii) għal ċentru tal-esekuzzjoni barra l-Unjoni, l-ISO 10383 MIC inkluż fil-lista ta' kodiċijiet tal-MIC miżmuma u aġġornata mill-ISO u ppubblikata fil-websajt tal-ISO;

(b) mid-data tal-applikazzjoni tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-ISO 10383 MIC.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-transazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1)."

(5) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-kuntratti tad-derivattivi li ġejjin li ma jkunux pendenti fid-data tal-bidu tar-rappurtar għal klassi partikolari ta' derivattivi għandhom jiġu rapportati lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet fi żmien ħames snin minn dik id-data:

(a) kuntratti tad-derivattivi li ddaħħlu fis-seħħ qabel is-16 ta' Awwissu 2012 u kienu għadhom pendenti fis-16 ta' Awwissu 2012;

(b) kuntratti tad-derivattivi li ddaħħlu fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2012 jew wara."

(6) l-Anness huwa sostitwit bit-test ippreżentat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2017, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1(5), li għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"ANNESS

Tabella 1

Dejta tal-Kontroparti

	Kaxxa	Format
	Partijiet fil-kuntratt	
1	Kronogramma tar-rapportar	Format tad-data ISO 8601 u format tal-ħin Ħin Universali Koordinat (UTC) YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ
2	ID tal-Kontroparti li Tirrapporta	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku.
3	Tip ta' ID tal-Kontroparti l-oħra	"LEI" għall-Identifikatur tal-Entità Legali ISO 17442 (LEI) "CLC" għall-kodiċi tal-Klijent
4	ID tal-kontroparti l-oħra	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku. Kodiċi tal-klijent (sa 50 karattru alfanumeriku).
5	Pajjiż tal-Kontroparti l-oħra	Kodiċi tal-pajjiż ISO 3166 b'2 karattri
6	Settur korporattiv tal-kontroparti li tirrapporta.	Tassonomija għall-Kontropartijiet Finanzjarji: A = Impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) C = Istituzzjoni tal-kreditu awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) F = Ditta tal-investiment awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) I = Impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata skont id-Direttiva 2009/138/KE L = Fond ta' investiment alternattiv immaniġġjat minn Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv (AIFMs) awtorizzati jew irreġistrati skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) O = Istituzzjoni għall-provvista tal-irtirar okkupazzjonali fis-sens tal-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) R = Impriża tar-riassigurazzjoni awtorizzata skont id-Direttiva 2009/138/KE U = Impriżi għall-Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS) u l-kumpanija tal-immaniġġjar tagħha, awtorizzati skont id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) Tassonomija għall-Kontropartijiet Mhux Finanzjarji. Il-kategoriji li ġejjin jikkorrispondu għat-taqsimiet ewlenin tal-klassifikazzjoni Statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE), kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) 1 = Agrikoltura, forestrija u sajd 2 = Minjieri u barrieri 3 = Manufattura 4 = Provvista tal-elettriku, il-gass, il-fwar u l-arja kundizzjonata

	Kaxxa	Format
		5 = Provvista tal-ilma, id-dranaġġ, l-immaniġġjar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedju 6 = Kostruzzjoni 7 = Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi 8 = Trasport u ħżin 9 = Attivitajiet marbuta mal-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel 10 = Informazzjoni u komunikazzjoni 11 = Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni 12 = Attivitajiet marbuta mal-proprjetà immobbli 13 = Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi 14 = Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn 15 = Amministrazzjoni pubblika u difiża; assigurazzjoni soċjali obbligatorja 16 = Edukazzjoni 17 = Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali 18 = Arti, divertiment u rikreazzjoni 19 = Attivitajiet oħra ta' servizz 20 = Attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala impjegaturi; attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux differenzjati ta' unitajiet domestiċi għall-użu proprju 21 = Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali Meta tiġi rrapportata aktar minn attività waħda, elenka l-kodiċijiet fl-ordni tal-importanza relattiva tal-attivitajiet korrispondenti, separati minn xulxin permezz ta' "-". Ħalli vojt fil-każ ta' CCPs u tipi oħra ta' kontropartijiet skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.
7	Natura tal-kontroparti li tirrapporta.	F = Kontroparti Finanzjarja N = Kontroparti Mhux Finanzjarji C = Kontroparti Ċentrali O = oħrajn
8	ID tas-sensar	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku.
9	ID tal-entità li qed tissottometti r-rapport	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku)
10	ID tal-membru li jikklerja	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
11	Tip ta' ID tal-Benefiċjarju	"LEI" għall-Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442 "CLC" għall-kodiċi tal-Klijent
12	ID tal-Benefiċjarju	Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442 kodiċi b'20 karattru alfanumeriku jew kodiċi tal-klijent b'sa 50 karattru alfanumeriku fil-każ li l-klijent ma jkunx eliġibbli għal Identifikatur tal-Entità Legali

	Kaxxa	Format
13	Kapaċità tan-negozjar	P = Prinċipali A = Aġent
14	Naħa tal-kontroparti	B = Xerrej S = Bejjiegħ Popolazzjoni skont l-Artikolu 3a
15	B'rabta diretta ma' attività kummerċjali jew finanzjament tat-teżor	Y = Iva N = Le
16	Limitu tal-ikklerjar	Y = Ogħla mil-limitu N = Taħt il-limitu
17	Il-valur tal-kuntratt	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.
18	Munita tal-valur	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.
19	Kronogramma tal-valwazzjoni	Id-data ISO 8601 fil-format tal-ħin UTC YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ
20	Tip ta' valwazzjoni	M = valwazzjoni skont is-suq O = valwazzjoni skont mudell C = valwazzjoni tas-CCP.
21	Kollateralizzazzjoni	U = mingħajr kollateral PC = parzjalment kollateralizzat OC = kollateralizzat f'direzzjoni waħda FC = kollateralizzat bis-sħiħ Mimlijin skont l-Artikolu 3b
22	Portafoll tal-kollateral	Y = Iva N = Le
23	Kodiċi tal-portafoll tal-kollateral	Sa 52 karattru alfanumeriku inkluż erba' karattri speċjali:". - _." Karattri speċjali mhumiex permessi fil-bidu u fit-tmiem ta' dan il-kodiċi. Ma jistax ikun hemm spazji.
24	Marġni inizjali depożitat	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.
25	Il-munita tal-marġni inizjali depożitat	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.

	Kaxxa	Format
26	Marġni tal-varjazzjoni depożitat	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.
27	Munita tal-marġni tal-varjazzjoni depożitat	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.
28	Marġni inizjali riċevut	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.
29	Munita tal-marġni inizjali riċevut	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.
30	Marġni tal-varjazzjoni riċevut	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.
31	Munita tal-marġni tal-varjazzjoni riċevut	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.
32	Kollateral tal-eċċess depożitat	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.
33	Munita tal-kollateral tal-eċċess depożitat	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.
34	Kollateral tal-eċċess irċevut	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.
35	Munita tal-kollateral tal-eċċess irċevut	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.

(1) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(2) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(3) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

(4) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

(5) Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

(6) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi tal-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

(7) Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Tabella 2

Dejta Komuni

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
	Taqsima 2a — Tip ta' kuntratt		**Kuntratti kollha**
1	Tip ta' kuntratt	CD = Kuntratti finanzjarji għad-differenzi FR = Ftehimiet tar-rata forward FU = Futures FW = Forwards OP = Opzjoni SB = Imħatra fuq il-firxa SW = Swap ST = Swapazzjoni OT = Oħrajn	
2	Klassi tal-assi	CO = Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet CR = Kreditu CU = Munita EQ = Ekwità IR = Rata tal-Imgħax	
	Taqsima 2b — informazzjoni dwar il-kuntratt		**Kuntratti kollha**
3	Tip ta' klassifikazzjoni tal-prodott	C = CFI U = UPI	
4	Klassifikazzjoni tal-prodott	ISO 10692 tas-CFI, kodiċi alfabetiku b'6 karattri UPI Approvat	
5	Tip ta' identifikazzjoni tal-prodott	Speċifika l-identifikazzjoni applikabbli: I = ISIN A = AII	
6	Identifikazzjoni tal-prodott	Għal identifikatur tal-prodott tat-tip I: ISO 6166 ISIN kodiċi alfanumeriku bi 12-il karattru Għal identifikatur tal-prodott tat-tip A: Imla l-kodiċi AII skont l-Artikolu 4(8)	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
7	Tip ta' identifikazzjoni tas-sottostanti	I = ISIN A = AII U = UPI B = Baskett X = Indiċi	
8	Identifikazzjoni tas-sottostanti	Għal identifikazzjoni tas-sottostanti tat-tip I: ISO 6166 ISIN kodiċi alfanumeriku bi 12-il karattru Għal identifikazzjoni tas-sottostanti tat-tip A: Imla l-kodiċi AII skont l-Artikolu 4(8) Għal identifikazzjoni tas-sottostanti tat-tip U: UPI Għal identifikazzjoni tas-sottostanti tat-tip B: l-identifikazzjoni tal-komponenti individwali kollha permezz tal-kodiċi ISO 6166 ISIN jew tal-kodiċi AII sħiħ f'konformità mal-Artikolu 4(8). L-identifikaturi tal-komponenti individwali għandhom ikunu separati b'daxx "-". Għal identifikazzjoni tas-sottostanti tat-tip X: Il-kodiċi ISO 6166 tal-ISIN jekk disponibbli, inkella l-isem sħiħ tal-indiċi kif assenjat mill-fornitur tal-indiċi	
9	Munita nozzjonali 1	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.	
10	Munita nozzjonali 2	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.	
11	Munita konsenjabbli	Kodiċi tal-Munita ISO 4217, 3 karattri alfabetiċi.	
	Taqsima 2c — Dettalji dwar it-tranżazzjoni		**Kuntratti kollha**
12	ID tan-negozjar	Sakemm isir disponibbli UTI globali, kodiċi b'sa 52 karattru alfanumeriku inkluż erba' karattri speċjali:". - _." Karattri speċjali mhumiex permessi fil-bidu u fit-tmiem ta' dan il-kodiċi. Ma jistax ikun hemm spazji.	
13	In-numru tal-intraċċar tar-rapport	Kaxxa alfanumerika b'sa 52 karattru	
14	ID tal-komponent tan-negozjar kumpless	Kaxxa alfanumerika b'sa 35 karattru	
15	Ċentru tal-eżekuzzjoni	Kodiċi ISO 10383 tal-Identifikatur tas-Suq, 4 karattri alfanumeriċi, skont l-Artikolu 4(b).	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
16	Kompressjoni	Y = jekk il-kuntratt jirriżulta minn kompressjoni; N = jekk il-kuntratt ma jirriżultax minn kompressjoni.	
17	Prezz/rata	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku. Fil-każ li l-prezz jiġi rrapportat f'valuri perċentwal, għandu jiġi espress bħala perċentwali fejn 100 % tkun irrappreżentata bħala "100"	
18	Notazzjoni tal-prezz	U = Unitajiet P = Perċentwal Y = Rendiment	
19	Munita tal-prezz	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, 3 karattri alfabetiċi.	
20	Nozzjonali	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	
21	Multiplikatur tal-prezzijiet	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.	
22	Kwantità	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.	
23	Pagament bil-quddiem	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Simbolu negattiv għandu jintuża biex jindika li l-ħlas kien ħruġ mhux dħul. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
24	Tip ta' konsenja	C = Flus P = Fiżika O = Fakultattiva għall-kontroparti jew meta determinata minn parti terza	
25	Kronogramma tal-eżekuzzjoni	Id-data ISO 8601 fil-format tal-ħin UTC YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ	
26	Data effettiva	Data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD	
27	Data tal-maturità	Data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD	
28	Data tat-terminazzjoni	Data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD	
29	Data tas-saldu	Data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD	
30	Tip ta' Ftehim Prinċipali	Test liberu, kaxxa b'sa 50 karattru, li tidentifika isem il-Ftehim Prinċipali użat, jekk ikun hemm	
31	Verżjoni tal-Ftehim Prinċipali	Data ISO 8601 fil-format YYYY	
	Taqsima 2d — Mitigazzjoni tar-riskju/rappurtar		**Kuntratti kollha**
32	Kronogramma tal-konferma	Id-data ISO 8601 fil-format tal-ħin UTC YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ	
33	Mezzi tal-konferma	Y = Konfermat mhux elettronikament N = Mhux konfermat E = Konfermat elettronikament	
	Taqsima 2e — Ikklerjar		**Kuntratti kollha**
34	Obbligu tal-ikklerjar	Y = Iva N = Le	
35	Ikklerjat	Y = Iva N = Le	
36	Kronogramma tal-ikklerjar	Id-data ISO 8601 fil-format tal-ħin UTC YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ	
37	CCP	Identifikatur tal-Entità Legali "LEI" ISO 17442 kodiċi alfanumeriku b'20 karattru	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
38	Intragrupp	Y = Iva N = Le	
	Taqsima 2f — Rati tal-imgħax		**Derivattivi tar-rati tal-imgħax**
39	Rata fissa tas-segment 1	Sa 10 karattri numeriċi inklużi d-deċimali espressa bħala perċentwali, fejn 100 % hija rappreżentata bħala "100". Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	
40	Rata fissa tas-segment 2	Sa 10 karattri numeriċi inklużi d-deċimali espressa bħala perċentwali, fejn 100 % hija rappreżentata bħala "100". Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	
41	Għadd ta' jiem b'rata fissa tas-segment 1	In-Numeratur/id-Denominatur fejn kemm in-Numeratur u d-Denominatur huma karattri numeriċi jew espressjoni alfabetika "Reali", pereż. 30/360 jew Reali/365	
42	Għadd ta' jiem b'rata fissa tas-segment 2	In-Numeratur/id-Denominatur fejn kemm in-Numeratur u d-Denominatur huma karattri numeriċi jew espressjoni alfabetika "Reali", pereż. 30/360 jew Reali/365	
43	Frekwenza tal-pagamenti b'rata fissa tas-segment 1 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti, u għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
44	Frekwenza ta' pagamenti b'rata fissa tas-segment 1 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti. sa 3 karattri numeriċi	
45	Frekwenza tal-pagamenti b'rata fissa tas-segment 2 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti, u għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	
46	Frekwenza ta' pagamenti b'rata fissa tas-segment 2 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti. sa 3 karattri numeriċi	
47	Frekwenza tal-pagamenti b'rata varjabbli tas-segment 1 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti, u għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	
48	Frekwenza ta' pagamenti b'rata varjabbli tas-segment 1 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti. sa 3 karattri numeriċi	
49	Frekwenza tal-pagamenti b'rata varjabbli tas-segment 2 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti, u għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	
50	Frekwenza ta' pagamenti b'rata varjabbli tas-segment 2 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti. sa 3 karattri numeriċi	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
51	Frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tas-segment 1 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	
52	Frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tas-segment 1 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli. sa 3 karattri numeriċi	
53	Frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tas-segment 2 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	
54	Frekwenza tar-risettjar tar-rata varjabbli tas-segment 2 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli. sa 3 karattri numeriċi	
55	Rata varjabbli tas-segment 1	Isem l-indiċi tar-rata varjabbli 'EONA' — EONIA 'EONS' — EONIA SWAP 'EURI' — EURIBOR 'EUUS' — EURODOLLAR 'EUCH' — EuroSwiss 'GCFR' — GCF REPO 'ISDA' — ISDAFIX 'LIBI' — LIBID 'LIBO' — LIBOR 'MAAA' — Muni AAA 'PFAN' — Pfandbriefe 'TIBO' — TIBOR 'STBO' — STIBOR 'BBSW' — BBSW 'JIBA' — JIBAR 'BUBO' — BUBOR	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
		'CDO' — CDOR 'CIBO' — CIBOR 'MOSP' — MOSPRIM 'NIBO' — NIBOR 'PRBO' — PRIBOR 'TLBO' — TELBOR 'WIBO' — WIBOR 'TREA' — Treasury 'SWAP' — SWAP 'FUSW' — Future SWAP Jew sa 25 karattru alfanumeriku jekk ir-rata ta' referenza mhijiex inkluża fil-lista ta' hawn fuq	
56	Perjodu ta' referenza tar-rata varjabbli tas-segment 1 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi l-perjodu ta' referenza, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	
57	Ir-referenza tar-rata varjabbli tas-segment 1 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi l-perjodu ta' referenza. sa 3 karattri numeriċi	
58	Rata varjabbli tas-segment 2	Isem l-indiċi tar-rata varjabbli 'EONA' — EONIA 'EONS' — EONIA SWAP 'EURI' — EURIBOR 'EUUS' — EURODOLLAR 'EUCH' — EuroSwiss 'GCFR' — GCF REPO 'ISDA' — ISDAFIX 'LIBI' — LIBID 'LIBO' — LIBOR 'MAAA' — Muni AAA 'PFAN' — Pfandbriefe 'TIBO' — TIBOR 'STBO' — STIBOR 'BBSW' — BBSW 'JIBA' — JIBAR 'BUBO' — BUBOR 'CDOR' — CDOR 'CIBO' — CIBOR 'MOSP' — MOSPRIM	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
		'NIBO' — NIBOR 'PRBO' — PRIBOR 'TLBO' — TELBOR 'WIBO' — WIBOR 'TREA' — Treasury 'SWAP' — SWAP 'FUSW' — Future SWAP Jew sa 25 karattru alfanumeriku jekk ir-rata ta' referenza mhijiex inkluża fil-lista ta' hawn fuq	
59	Perjodu ta' referenza tar-rata varjabbli tas-segment 2 — perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi l-perjodu ta' referenza, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: Y = Sena M = Xahar W = Ġimgħa D = Ġurnata	
60	Ir-referenza tar-rata varjabbli tas-segment 2 — multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi l-perjodu ta' referenza. sa 3 karattri numeriċi	
	Taqsima 2 g — Munita Barranija		**Derivattivi tal-munita**
61	Munita tal-forniment 2	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, kodiċi bi 3 karattri alfabetiċi.	
62	Rata tal-kambju 1	Sa 10 ċifri numeriċi inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	
63	Rata tal-kambju forward	Sa 10 karattri numeriċi inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
64	Bażi tar-rata tal-kambju	Żewġ kodiċijiet tal-munita ISO 4217 separati bi "/". L-ewwel kodiċi ta' munita għandu jindika l-munita bażi, u t-tieni kodiċi ta' munita għandu jindika l-munita tal-kwotazzjoni.	
	Taqsima 2h — Komoditajiet u kwoti tal-emissjonijiet		**Derivattivi tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet**
	Ġenerali		
65	Bażi tal-komodità	AG = Agrikoltura EN = Enerġija FR = Merkanzija ME = Metalli IN = Indiċi EV = Ambjentali EX = Eżotika OT = Oħrajn	
66	Dettalji tal-komodità	Agrikoltura GO = Ħbub taż-żrieragħ taż-żejt DA = Proditti tal-ħalib LI = Bhejjem FO = Forestrija SO = Softs SF = Prodotti tal-baħar OT = Oħrajn Enerġija OI = Żejt NG = Gass naturali CO = Faħam EL = Elettriku IE = Interenerġija OT = Oħrajn Merkanzija DR = Xotta WT = Imxarrba OT = Oħrajn Metalli PR = Prezzjużi NP = Mhux prezzjużi Ambjentali WE = Temp EM = Emissjonijiet OT = Oħrajn	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
	Enerġija		
67	Post jew żona tal-konsenja	Kodiċi EIC, kodiċi alfanumeriku b'16-il karattru. Kaxxa repetibbli.	
68	Punt ta' Interkonnessjoni	Kodiċi EIC, kodiċi alfanumeriku b'16-il karattru.	
69	Tip ta' tagħbija	BL = Tagħbija Bażi PL = Tagħbija fl-eqqel sigħat OP = Sigħat kwieti BH = Sigħat/Blokka ta' sigħat SH = Shaped GD = Jum tal-gass OT = Oħrajn	
	Taqsima repetibbli tal-kaxxi 70 — 77		
70	Intervalli tal-konsenja tat-tagħbija	hh:mmZ	
71	Data u ħin tal-konsenja	Id-data ISO 8601 fil-format tal-ħin UTC YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ	
72	Data u ħin tat-tmiem tal-konsenja	Id-data ISO 8601 fil-format tal-ħin UTC YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ	
73	Tul ta' żmien	N = Minuti H = Siegħa D = Ġurnata W = Ġimgħa M = Xahar Q = Kwart ta' sena S = Staġun Y = annwali O = Oħrajn	
74	Jiem tal-Ġimgħa	WD = Matul il-ġimgħa WN = Tmiem il-ġimgħa MO = it-Tnejn TU = it-Tlieta WE = l-Erbgħa TH = il-Ħamis FR = il-Ġimgħa SA = is-Sibt SU = il-Ħadd Diversi valuri separati b' "/" huma permessi	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
75	Kapaċità tal-konsenja	Sa 20 ċifra numerika inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	
76	Unità tal-Kwantità	KW KWh/h KWh/d MW MWh/h MWh/d GW GWh/h GWh/d Therm/d KTherm/d MTherm/d cm/d mcm/d	
77	Prezz tal-kwantitajiet skont intervall tal-ħin	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku.	
	Taqsima 2i — Opzjonijiet		**Kuntratti li fihom opzjoni**
78	Tip ta' opzjoni	P = Put C = Eżerċizzat O = meta ma jistax jiġi ddeterminat jekk humiex "Eżerċizzat" jew "put"	
79	Stil tal-eżerċizzju tal-opzjoni	A = Amerikan B = Bermudan E = Ewropew S =Ażjatiku Huma permessi aktar minn valur wieħed	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
80	Prezz tal-eżerċitar (rata massima/minima)	Sa 20 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt. Is-simbolu tan-negattiv, jekk ikun hemm ma jgħoddx bħala karattru numeriku. Fil-każ li l-prezz tal-eżerċitar jiġi rrapportat f'valuri perċentwali, dan għandu jiġi espress bħala perċentwali fejn 100 % tkun rappreżentata bħala "100"	
81	Notazzjoni tal-prezz tal-eżerċitar	U = Unitajiet P = Perċentwal Y = Rendiment	
82	Data tal-maturità tas-sottostanti	Data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD	
	Taqsima 2j — Derivattivi ta' kreditu		
83	Superjorità	SNDB = Superjuri, bħal Dejn Superjuri Mhux Garantit (Korporattiv/finanzjarju), Dejn Sovran f'Munita Barranija (tal-Gvern), SBOD = Subordinat, bħal Dejn Subordinat jew tal-Grad 2 Baxx (Banek), Dejn Subordinat Inferjuri jew tal-Grad 2 Superjuri (Banek), OTHR = Oħrajn, bħalma huma l-Ishma Privileġġati jew Kapital tal-Grad 1 (Banek) jew derivattivi tal-kreditu oħra	
84	Entità ta' referenza	Kodiċi tal-pajjiż ISO 3166 b'2 karattri jew kodiċi tal-pajjiż ISO 3166 -b'2 karattri segwit minn dash "-" u minn sa 3 karattri alfanumeriċi tal-kodiċi tas-subdiviżjoni tal-pajjiż jew Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku	
85	Frekwenza tal-pagamenti	MNTH = kull xahar QURT = trimestrali MIAN = kull sitt xhur YEAR = annwali Bażi tal-kalkolu	
86	Il- bażi tal-kalkolu	In-Numeratur/id-Denominatur fejn kemm in-Numeratur u d-Denominatur huma karattri numeriċi jew espressjoni alfabetika 'Reali', pereż.30/360 jew Reali/365	

	Kaxxa	Format	Tipi applikabbli ta' kuntratt tad-derivattivi
87	Serje	Kaxxa Integer b'sa 5 karattri	
88	Verżjoni	Kaxxa Integer b'sa 5 karattri	
89	Fattur tal-indiċi	Sa 10 karattru numeriku inkluż id-deċimali. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.	
90	Segment	T = Segmentat U = Mhux Segmentat	
91	Punt tal-attakkament	Sa 10 karattri numeriċi inklużi d-deċimali espressi bħala frazzjoni deċimali bejn 0 u 1. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.	
92	Punt tal-attakkament	Sa 10 karattri numeriċi inklużi d-deċimali espressi bħala frazzjoni deċimali bejn 0 u 1. Il-marka deċimali ma tgħoddx bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm din għandha tkun rappreżentat b'punt.	
	Taqsima 2k — Modifiki għall-kuntratt		
93	Tip ta' azzjoni	N = Ġdida M = Modifika E = Errur C = Terminazzjoni bikrija R = Korrezzjoni Z = Kompressjoni, V = Aġġornament tal-valwazzjoni P = Pożizzjoni tal-komponent	
94	Livell	T = Negozjar P = Pożizzjoni"	